**QORTI CIVILI – PRIM’AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA tat-2 ta’ Marzu, 2001.**

**Citazzjoni numru 180/01GC**

Vodafone Malta Limited

Vs.

Maria Oliva

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici hija kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta’ elf sitt mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u hmistax il-centezmi (Lm1,625.15) bilanc ta’ somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta’ mobile telephone u “airtime” ghall-istess uzu moghti lill-kjonvenut mis-socjeta attrici skond il-fattura hawn annessa markata Doikument A;

Illi minkejja interpellata ihallas dan l-ammont, il-konvenuta baqhet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici il-konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet x’taghti;

Talbet ghalhekk lill-konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Taqta u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 u cioe bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lil-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf sitt mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm1,625.15)dpvuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Gunju, 2000 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqhet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socejta attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra il-konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur